4 ta' Diċembru, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Nobbli Gioacchino Attard Montalto *versus* Emmanuele Schembri

**Appalt — Subappalt — Art. 1732 tal-Kodiċi Ċivili**

*F'każ ta' appaltatur ta' opra konsiderevoli tal-ġebel, li jkun ta b'subappalt lil terza persuna l-eżekuzzjoni ta' xi parti minn dik l-opera, jekk jirriżulta illi x-xogħol tas-subappaltatur kien difettuż jew ħażin, il-kundanna biex ix-xogħol isir mill-ġdid għandha tkun diretta kontra l-appaltatur, avvolja s-subappaltatur ikun ġie msejjaħ fil-kawża; għaliex dik il-kundanna hija bażata fuq l-artikolu tal-liġi li jirrendi responsabbli lill-appaltatur, u anki għaliex ma jkunx sewwa li l-appaltant jiġi privat minn azzjoni kontra l-appaltatur, li miegħu kkuntratta, b'sostituzzjoni ta' debitur ieħor, li miegħu ma kkuntrattax.*

*Lill-appaltatur tista' ssirlu riżerva kontra s-subappaltatur, msejjaħ fil-kawża, "si et quatenus".*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 1957, riportata in kopja fol. 61;

Rat ir-relazzjoni tal-perit minnha adoperat, fol. 71, u r-risposti li hu ta fl-esekuzzjoni tal-perizja, fol. 88;

Semgħet id-difensuri;

Ikkunsidrat;

Bl-imsemmija sentenza ġa ġie deċiż li hu applikabbli l-art. 1732 Kap. 23 Ediz. Riv., għax il-bjut huma parti ta' opera konsiderevoli ta' ġebel. Għalhekk, mhumiex aċċettabbli l-osservazzjonijiet li għamel id-difensur tal-konvenut appaltatur in bażi għat-tagħlim tar-Ricci fil-Vol. VIII, anki kieku dan it-tagħlim seta', talvolta, jiġġjova lill-istess konvenut — dak li lanqas jidher li hu l-każ;

L-unika kwistjoni li baqa' hi dik jekk il-ħsara fil-bjut hijiex dovuta għal difett ta' kostruzzjoni, li tista' tkun jew mankament fix-xogħol jew mankament fil-materjal, kif stabbilit fl-imsemmija sentenza;

Mir-relazzjoni peritali, supplementata mir-risposti tal-perit meta ġie eskuss, jidher li d-difett hu dovut għal xogħol ħażin;

Għalhekk hija nkwadrata r-responsabilità kontemplata fl-artikolu fuq imsemmi;

Id-difensur tal-kjamat in kawża talab, fid-dibattitu tal-kawża, li, ormaj li għamlet ħafna żmien, il-perit jiġi nkarikat jara jekk il-bjut fil-fatt qattrux. Din il-Qorti ma tħossx li għandha takkolji din it-talba, għaliex il-qari tar-relazzjoni juri biċ-ċar li hemm mankamenti materjalment konstatabbli, bħal dak li l-bjut kollha huma mxaqqin "xibka", u dak li f'diversi punti tagħhom "idamdmu". Kieku l-perit jibbaża r-relazzjoni tiegħu fuq xi inferenzi jew konġetturi allura forsi kien ikun il-każ li din il-Qorti taderixxi għal dik it-talba in vija ta' kontroll ta' dawk l-inferenzi jew konġetturi. Imma ebda verifika bħal dik suġġerita mill-kjamat in kawża ma tista' tneħħi dawk iż-żewġ ċirkustanzi "fiżikament aċċertati";

Għalkemm hu l-każ li din il-Qorti tirriżerva favur il-konvenut id-drittijiet tiegħu ta' regress kontra l-kjamat in kawża, eppure l-kundanna għandha tkun diretta kontra dak tal-ewwel; tant għaliex dik il-kundanna hi bażata fuq l-art. 1732 fuq imsemmi, li jirriferixxi għall-"appaltatur", kwantu għaliex ma jkunx sewwa li l-attur jiġi privat mill-azzjoni tiegħu kontra l-konvenut, li miegħu kkuntratta, bis-sostituzzjoni ta' debitur ieħor li miegħu ma kkuntrattax;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba tal-attur, billi tikkundanna lill-konvenut jagħmel ix-xogħol tar-rimozzjoni u tiswija tal-bjut fi żmien xahrejn, taħt id-direzzjoni tal-perit adoperat mill-Qorti; u fil-każ li jgħaddi inutilment dan it-terminu, tawtorizza lill-istess attur li jagħmel ix-xogħol meħtieġ bi spejjeż tal-konvenut;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut, ħlief dawk tal-kjamat in kawża, li jbatihom hu stess;

Salv kull dritt, "si et quatenus", tal-konvenut kontra l-kjamat in kawża.